Ħares lilna s-saċerdoti, int Omm is-Saċerdot Etern, li minnu nieħdu s-saċerdozju tagħna.

Kun Int, O Marija Bambina, fiċ-ċentru tal-ħajja tal-miżżewġin u tal-familji tagħhom.

Ħares minn kull għawġ lit-tfal u liż-żgħażagħ tagħna biex imdawlin mill-preżenza tiegħek jilqgħu l-isfidi li l-ħajja moderna qed tpoġġilhom quddiemhom.

Agħti d-dehen lill-politiċi tagħna ħalli ma jinsew qatt li huma qegħdin għas-servizz tal-poplu: poplu li dejjem għaraf l-id ta' Marija fil-ġrajjiet kbar tal-istorja ta' Malta.

Ħares lil din il-belt tal-Isla, benniena ta' vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi; il-post minn fejn ħarġu tant nies kbar u eżemplari li għamlu ġieħ lill-Knisja u lill-għażiża Malta tagħna, ħalli isem l-Isla u isem il-Bambina ħadd u qatt ma jifridhom minn xulxin.

*Dawn huma siltiet mill-Paneġierku ta' Tifħir lil Marija Bambina li sar waqt il-quddiesa solenni ta' jum il-festa, 8 ta' Settembru 2013.*

***Kan. Onor. Dun Vinċenz Cachia***

# 125 Sena mill-Ordinazzjoni Episkopali tal-Isqof Giovanni Maria Camilleri O.S.A.

Giovanni Maria Camilleri twieled il-Belt Valletta fil-15 ta' Marzu 1843. Fl-1861 daħal novizz fl-Ordni Agostinjan, fl-1862 ipprofessa u fl-21 ta' Diċembru 1867 kien ordnat saċerdot mill-Isqof Agostinjan Gaetano Pace Forno. Fl-1870 kien illawrjat majjistru fit-teoloġija u maħtur professor tat-teoloġija fi Bracciano, l-Italja. Inħatar reġġent tal-istudji fl-1875 u sena wara sar rettur u provinċjal tal-Kulleġġ Santu Wistin tal-Belt. Camilleri inħatar professor tat-teoloġija fil-Kulleġġ Internazzjonali Santa Monika, Ruma fl-1884 u konsultur tas-Sagra Kongregazzjoni tal-Isqfijiet u tar-Regulari fl-1887.



Fil-11 ta' Frar 1889, il-Papa Ljun XIII ħatru Isqof ta' Għawdex u kien konsagrat fl-24 ta' Frar fil-Knisja ta' Santu Wistin f'Ruma mill-Kardinal Mariano Rampolla assistit minn Mons. Pietru Pace, Arċisqof Elett ta' Malta u minn Mons. Gulielmu Pifferi, Isqof Titulari ta' Porphyreon. Ħa l-pussess bħala Isqof ta' Għawdex fit-12 ta' Mejju 1889.

Bħala Isqof għamel riformi sostanzjali fis-seminarju u kkonsagra għadd ta' knejjes fosthom dik tal-Madonna ta' Pinu, fl-Għarb. F'Ottubru 1903 kien ta bidu għall-ewwel sinodu ta' Għawdex.

L-Isqof Camilleri rabat ismu mal-Parroċċa tal-Isla meta hu, flimkien mal-Isqof Angelo Portelli O.P., Vigarju Ġenerali, assisita lill-Arċisqof Dom Mauro Caruana O.S.B. fl-Inkurunazzjoni solenni tal-istatwa ta' Marija Bambina, fix-Xatt tal-Isla nhar l-4 ta' Settembru 1921.

Wara ħidma ta' 35 sena bħala Isqof tad-Djoċesi Għawdxija, Camilleri rriżenja minħabba saħħtu fl-20 ta' Jannar 1924. Hu rtira fil-Kunvent tal-Agostinjani fir-Rabat, Malta, fejn miet fis-7 ta' Novembru 1924 fl-età ta' 82 sena.